# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 11 ta' Marzu, 2025.**

**Numru 13**

**Rikors numru 146/22/1 AD**

**Paul Demicoli u Jason Demicoli**

**v.**

**Joseph Farrugia u Acorn Properties Limited (C-37361) u Acorn Developments Limited (C-33675)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija kawża għall-ħlas ta' xogħol ta' kostruzzjoni. Il-konvenuti baqgħu kontumaċi iżda b'sentenza tal-20 ta' Ottubru 2023 l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili xorta waħda ċaħdet it-talbiet tal-atturi, wara li kkunsidrat illi:

> "30.Ir-rikorrent Paul Demicoli jixhed bil-ġurament tiegħu illi huwa kuntrattur tal-bini, u flimkien ma' ħuh ir-rikorrent Jason Demicoli, kien daħal fi ftehim mal-konvenuti sabiex jibnu żewġ vilel fi Triq in-

Nixxiegħa, Mellieħa. Da parti tagħhom, il-konvenuti kellhom jipprovdu parti mill-materjal sabiex isir ix-xogħol. Ir-rikorrent esebixxa numru ta' dokumenti indikati bħala "Stima ta' Servizz ta' Kejl"18, kif ukoll dokument ieħor entitolat "Kompilazzjoni ta' Stimi ta' Servizz Professjonali". Ir-rikorrent Paul Demicoli jsostni illi dawn id-dokumenti juru, "kontijiet li l-perit dejjem joħorġilna waqt ix-xogħol li nkunu qed nagħmlu aħna". Mistoqsi għal fejn l-aħħar dokument jindika ċ- ċifra ta' mitejn u ħamsa u erbgħin elf, erba' mija u sbatax-il Ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€245,417.96), mentri l-ammont pretiż mir-rikorrenti huwa ta' mija u sebgħa u ħamsin elf, mija u ħamsa u erbgħin Ewro (€157,145), ir-rikorrent Paul Demicoli jispjega, "Għax provdielna xi materjal hu mix-xogħol li konna naħdmu bħala konkos, bricks u xi planki". Ir- rikorrent Jason Demicoli20 jikkonferma dak kollu illi jixhed Paul Demicoli;

31.Minkejja illi huwa minnu illi l-pretensjonijiet rikorrenti ma ġewx kontestati stante illi l-konvenuti qed jitqiesu fi stat ta' kontumaċja, din il-Qorti xorta waħda mhix konvinta illi t-talbiet rikorrenti jistħoqqilhom illi jiġu milqugħa, u dan għas-segwenti raġunijiet:

a. Fl-ewwel lok, id-dokumenti esebiti mir-rikorrent Paul Demicoli ma ġewx maħlufa mill-persuna illi minnha allegatament ġew rilaxxati, cioe mill-Perit Mannie Galea, b'dana illi din il-Qorti m'għandha l-ebda konferma tal-veraċita' u l-awtentiċita' tagħhom;

b. Fit-tieni lok, l-istess dokumenti huma indikati bħala stejjem, u mhux bħala statements, b'dana illi din il-Qorti ma tistax tikkonkludi illi l- ammonti hekk kalkolati huma effettivament dovuti;

c. Fit-tielet lok, ma nġabet l-ebda prova illi tissostanzja l-ammont reklamat mir-rikorrenti, cioe dak ta' €157,145. Apparti l-fatt illi din kellha, fil- fehma tal-Qorti, tkun il-prova madre fil-kawża odjerna, din il-prova hija meqjusa aktar essenzjali kkunsidrat il-fatt illi, fir-rikors promotur, għal darba darbtejn, iċ-ċifra reklamata mir-rikorrenti kif dikjarata fi kliem ma taqbilx maċ-ċifra reklamata mir-rikorrenti kif dikjarata f'numri. Infatti, filwaqt illi ċ-ċifra hija indikata fi kliem bħala "mija ħamsa u sebgħin elf mija ħamsa u erbgħin Euro", iċ-ċifra hija mbagħad indikata f'numri bħala "€157,145". Sfortunatament, din il-Qorti ma kellha l-ebda mod kif tindaga liema miż-żewġ ammonti reklamati hija dik korretta, stante illi ma nġabet l-ebda prova illi tindika eżattament iċ-ċifra pretiża mir- rikorrenti;

d. Fir-raba' lok, ma nġabet l-ebda prova illi x-xogħol effettivament sar mir- rikorrenti;

32.Din il-Qorti tirrileva illi l-fatt illi l-konvenuti kienu fi stat ta' kontumaċi ma kellux iwassal lir-rikorrenti sabiex ikunu xotti fil-provi tagħhom, u dan stante illi, hekk kif ġie senjalat aktar 'il fuq, il-fatt biss illi konvenut jiġi dikjarat fi stat ta' kontumaċi ma jfissirx illi l-oneru ta' prova jonqos,

> jew illi l-Qorti ma tistenniex xorta waħda illi jintlaħaq mir-rikorrenti l-grad ta' prova rikjest mil-liġi."

2. L-atturi appellaw mis-sentenza, bl-aggravji li l-Ewwel Qorti żbaljat meta:

(1) Sabet li l-esponenti ma ġabu l-ebda prova li huma tassew wettqu x-xogħlijiet in kwistjoni. Żbaljat għaliex fir-rikors maħluf ġie kkonfermat li l-atturi fornew materjal u għamlu xogħlijiet fuq is-sit in kwistjoni; l-attur Paul Demicoli ppreżenta numru ta' dokumenti li jirreferu għall-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar, l-indirizz ta' fejn saru x-xogħlijiet u riferenza għal liema xogħlijiet saru; dak li xehed hu ġie kkonfermat mill-attur l-ieħor Jason Demicoli.

(2) Ma tatx valur probatorju lid-dokumenti mhux maħlufa minn min għamilhom. Id-dokumenti ġew rilaxxjati mill-Perit Mannie Galea. Hemm ġurisprudenza li tammetti dokumenti bħal dawn; speċjalment fin-nuqqas ta' oppożizzjoni.

(3) Irriteniet li billi d-dokumenti kienu "stima" ma setgħetx tikkonkludi li l-ammonti huma effettivament dovuti. M'apprezzatx li fl-industrija tal-bini, fejn ikunu ġew miftiehma r-rati, il-perit joħroġ "stima" fis-sens li jaħdem il-kont skont il-kejl u r-rati. Fil-fatt ġew esebiti stejjem, b'dati

differenti, tax-xogħlijiet fil-pedament, fil-livell terran, it-tieni sular u l-faċċata, u ta' xogħlijiet fil-livell terran u t-tieni sular.

(4) Irriteniet li ma nġabet l-ebda prova li tissustanzja l-ammont reklamat. Id-differenza bejn l-ammont imniżżel bil-kliem ta' "mija hamsa u sebgħin elf mija u hamsa u erbgħin elf euro" u ċ-ċifra ta' €157,145 hija żball evidenti tal-pinna. Id-differenza bejn il-kont tal-perit ta' €245,417.96 ġiet spjegata billi parti ġiet imħallsa permezz ta' materjal.

3. Billi l-aggravji huma kollha relatati ma' xulxin u essenzjalment jikkonċernaw l-evalwazzjoni tal-provi kif magħmula mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti ta' reviżjoni sejra tittrattahom flimkien.

4. Id-dokument esebit Dok PD1[1] huwa l-ftehim dwar ir-rata tax-xogħol. Huwa dokument oriġinali, b'erba' firem fuqu. Skont id-depożizzjoni tal-attur Paul Demicoli l-erba' firem li hemm fuq dan id-dokument huma taż-żewġ atturi, tal-perit Mannie Galea, u tal-konvenut Joe Farrugia.[2] Il-Qorti nnutat li l-aħħar firma taqbel mal-firma tal-perit fuq id-dokumenti l-oħrajn (Dok DD2 sa DD6) li huma lkoll allegatament maħruġin u ffirmati mill-istess perit.

---

[1] Fol 36.
[2] Fol 32.

5. Dok DD2 u DD3 huma stima tal-prezz tax-xogħol fil-pedament u fil-livell terran rispettivament. Huma sempliċi fotokopji mhux awtentikati. Dok DD4 u DD5 huma stejjem ta' xogħol fl-ewwel u fit-tieni sular. Huma oriġinali, bil-firma tal-perit. DD6 hija kumpilazzjoni tal-istejjem, bil-firma oriġinali tal-perit. Dok DD2 sa DD5 huma lkoll intitolati "Stima ta' Servizz ta' Kejl" u huma kont għas-servizz tal-kejl li għamel il-perit. Din il-Qorti tagħraf li dawn id-dokumenti tassew huma "stejjem" li iżda saru skont ir-rata maqbula u skont il-kejl tal-bini li – dejjem skont l-istess dokumenti - kien laħaq sar sad-data tad-dokument rispettiv. Dan skont il-prattika magħrufa tal-industrija tal-kostruzzjoni. Tant hu hekk li d-dokumenti, apparti l-kalkoli ta' kemm jiswa x-xogħol, huma kontijiet maħruġin mill-perit inkarigat mill-proġett biex jitħallas talli mar ikejjel. Ovvjament il-kejl ried isir fuq dak li jkun laħaq inbena. Minn dan il-lat taqbel parzjalment mat-tielet aggravju.

6. Id-differenza bejn l-ammont inferjuri li ntalab fir-rikors promotur u l-ammont superjuri kkalkulat mill-perit ġiet sodisfaċentement spjegata mill-attur bħala l-ammont imħallas mill-konvenuti bħala materjal. Fil-fatt iddepona li parti mill-ħlas sar f'materjal. Ma hemm xejn inverosimili f'dan ir-rakkont, tenut kont li l-konvenuti jew tal-inqas il-kumpaniji konvenuti huma fil-kummerċ; u li l-ammont mitlub huwa inqas minn dak ikkalkulat mill-perit. Minn dak il-lat, il-Qorti taqbel parzjalment mar-raba' aggravju.

7. Is-sentenzi ċċitati mill-appellanti huma fis-sens li l-ħtieġa li dokument esebit jiġi, fil-każi propizji, ikkonfermat bil-ġurament, mhuwiex rekwiżit *sine qua non* għall-ammissibilità bħala prova, u li fin-nuqqas ta' kontestazzjoni, il-Qorti għandha tkun libera li taċċettahom u li tagħmel l-inferenzi li leġittimament hu konsentit li tagħmel,[3] partikolarment ġaladarba ma tkun tirriżulta l-ebda raġuni l-għala l-Qorti jkollha tiddubita l-veraċità tagħhom.[4] Dawn is-sentenzi ma jistabilixxux li dokumenti bħal dawn għandhom jiġu aċċettati bħala prova konklussiva. Li jgħidu hu li n-nuqqas li jkunu ġuramentati **ma jġibhomx inammissibbli.** Humiex prova konklussiva jew le huwa t-tieni pass li trid tagħmel il-Qorti, li tgħarbel il-piż probatorju tagħhom skont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.

8. L-appellanti jilmentaw li f'dan il-każ "ma kien hemm l-ebda ċirkostanza li setgħet raġonevolment tnissel l-iċken dubju f'moħħ l-Ewwel Qorti li tali dokumenti mhumiex veri u awtentiċi".

9. L-awtentiċità ta' dokument tfisser prova li nkiteb – u/jew ġie ffirmat - mill-awtur apparenti tagħha. Hija, " *la verita` dell'indicazione dell'attore e, in particolare, della sottoscrizione, cioe la corrispondenza fra l'autore apparente e l'autore reale*". Id-dokumenti pubbliċi (fosthom l-atti tal-Gvern ta' Malta u l-atti u r-reġistri tal-qrati tal-ġustizzja) għandhom effikaċja probatorja sħiħa; m'hemmx għal fejn prova oħra tal-awtentiċità

[3] Allied Insurance Agency v. Evellina Borg Grech 10.03.2004 Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri).
[4] Carmel Camilleri v. Leone Pillow 07.10.1997 Qorti tal-Appell (Superjuri) (JSP-CA-JDC).

tagħhom ħlief dik li tidher minnhom infushom; huma jippruvaw dak li jkun fihom sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju (Art. 627 Kap. 12). Ċerti dokumenti oħrajn, (bħal dawk elenkati fl-Art. 629 tal-Kap 12, fosthom l-atti u r-reġistri tan-nutara pubbliċi u dawk tal-parroċċi dwar twelid, żwieġ u mewt, u l-kotba tal-kummerċjanti miżmumin skont il-liġi) jippruvaw dak li jkun fihom, basta li tkun pruvata l-awtentiċità tagħhom. Id-dokumenti in kwistjoni la jaqgħu taħt l-Art. 627 u lanqas l-Art. 629. Għalhekk jinħtieġ li tiġi ppruvata kemm l-awtentiċità tagħhom kif ukoll il-veraċità tal-kontenut tagħhom. Dak li qegħdin jippretendu l-appellanti hu li l-Ewwel Qorti kellha taċċetta li d-dokumenti in kwistjoni kienu ffirmati mill-Perit Mannie Galea kif ukoll li huma prova minnhom infushom li tassew saru x-xogħlijiet imniżżlin fihom. Ħaġa li tmur kontra l-artikli preċitati tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Dan ma jfissirx li d-dokumenti in kwistjoni ma setgħux iservu bħala prova kemm-il darba jkunu kkorroborati minn provi diretti jew ċirkostanzjali oħra, kif tindika li jista' jsir il-ġurisprudenza ċċitata mill-appellanti. L-Ewwel Qorti iżda ma sabet l-ebda korroborazzjoni bħal din, għajr il-konferma tal-atturi nfushom, li ma qisitx biżżejjed biex iwassluha għall-konvinċiment tagħha dwar l-awtentiċità u l-veraċità tagħhom. Għall-kuntrarju, sabet li l-atturi kienu "xotti fil-provi tagħhom".[5]

---

[5] Para. 32 tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

10. Kif inhu sewwa magħruf u stabbilit, l-evalwazzjoni tal-provi jaqgħu fid-dominju tal-Ewwel Qorti. Għalhekk ma tindaħalx f'dan l-eżerċizzju kif ġieb u laħaq. L-eżistenza ta' din id-diskrezzjoni tfisser li hemm territorju li fih id-deċiżjoni tal-imħallef hija waħda finali u li ma tistax tiġi attakkata. Mhux biżżejjed li ma taqbilx mal-fatti stabbiliti mill-Ewwel Qorti jekk ikun raġonevolment possibbli li jkun hemm żewġ veduti differenti dwar x'inhuma l-fatti. Għalkemm għandha fakultà sħiħa li teżamina l-fatti mill-ġdid, il-prattika hi li normalment din il-Qorti tat-tieni istanza tindaħal biss sabiex taċċerta ruħha mill-korrettezza tal-eżerċizzju tal-evalwazzjoni jew ġudizzju magħmul mill-Ewwel Qorti; li tiżgura li l-imħallef ma tbiegħedx mill-prinċipji li skonthom id-diskrezzjoni tiegħu trid tiġi eżerċitata. Iġifieri tindaħal fejn, per eżempju, l-Ewwel Qorti ma tifhimx ix-xhieda; tonqos li tqis fatturi rilevanti; jew tqis fatturi mhux rilevanti; inkella tasal għal konklużjoni irrazzjonali; perversa; jew waħda li l-ebda Qorti ma tista' raġonevolment tasal għaliha.

11. Din il-Qorti ma ssib xejn irregolari fil-mod li bih ħaddmet id-diskrezzjoni tagħha fl-evalwazzjoni tal-provi. Għall-kuntrarju, kif muri iktar 'il fuq, hija qieset korrettement il-provi akkwiżiti fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti kemm mil-leġiżlatur kif ukoll mill-ġurisprudenza.

***Decide***

12. Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell u tikkonferma

s-sentenza appellata.  Spejjeż taż-żewġt istanzi a karigu tal-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da